# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


## MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Għargħur

IS-SEBA' LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 66

Data tal-laqgħa: 29 t'April, 2019

*Il-Kunsill Lokali Ħal Għargħur ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tnejn, 29 t'April 2019 fis-6.30p.m.*

| ***Preżenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| Sindku | Ġiljan Aquilina |
| Viċi Sindku | Mario Gauci |
| Kunsillieri | Christopher Fenech |
| | Mark Azzopardi |
| Assenti b'Apoloġiji | Carl Grech |
| Segretarju Eżekuttiv | Maria Tanti |

Il-laqgħa bdiet fis-6.30p.m. billi ntqalet it-talba.

**66/01 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**66/01/01** Is-Segretarju Eżekuttiv qrat l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsillier Carl Grech. Il-Kunsilliera preżenti aċċettaw l-ittra ta' apoloġija.

**66/02 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 65**

**66/02/01** Ma kienx hemm korrezzjoni fil-Minuti. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-minuti.

**66/02/02** **Para 65/02/03:** Is-Sindku qal li l-*information panel* dalwaqt tkun lesta.

**66/02/03** **Para 65/02/05:** Is-Sindku nforma li x-xogħol fi Sqaq ix-Xgħajrat dalwaqt ikun lest.

**66/02/04** **Para 65/02/06:** Is-Sindku qal li l-fuljett ħa jibda jitqassam mill-ġimgħa d-dieħla.

**66/02/05** **Para 65/02/08:** Is-Sindku qal li l-offerta ġdida għat-Tabelli u Sinjali ta' Traffiku kif ukoll l-offerta għal ġbir ta' skart imħallat u skart organiku qed tiġi riveduta mid-Dipartiment.

**66/02/06** **Para 65/02/09:** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mis-Sur Natalino Attard – Komunikat DĠ/K/02/2019 – Data Protection Officer fil-Kunsilli Lokali. Kien hemm qbil li s-SE tiġbor 3 stimi.

**66/02/07** **Para 65/02/11:** Is-Sindku qal li l-Kunsill ħareġ komunikat liż-żewġ skemi sabiex jissottomettu l-proposta tagħhom għal ġbir ta' skart riċiklat. Din is-sejħa tagħlaq fil-31 ta' Mejju 2019.

**66/02/08** **Para 65/02/14:** Is-Sindku qal li t-tabella *no-entry* ħdejn il-Każin tal-Banda fit-Triq l-Oratorju ordnata.

Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162
Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626
Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt

**66/02/09** **Para 65/02/20:** Is-Sindku qal li l-Kunsill kiteb lil TM sabiex jara tistax Triq Mons Luigi Catania tiġi *one-way* mis-6:00am-8:00am *School Days Only.* Ser issir laqgħa magħhom nhar it-Tlieta, 7 ta' Mejju 2019.

**66/02/10** **Para 65/03/01:** Is-Sindku nforma li madwar 25 ruħ mill-Għargħur attendew għal Mixja ta' Puttinu.

**66/02/11** **Para 65/05/08:** Is-Sindku qal li l-Kunsill fakkar lil ENEMALTA biex issir lampa ġdida fi Sqaq il-Qiegħed.

**66/02/12** **Para 65/05/09:** Is-Sindku qal li l-bankijiet li hemm ġewwa s-Searchlight Battery għadhom ma tpoġġewx fi Triq Għaxqet l-Għajn.

**66/02/13** **Para 65/05/11:** Fuq it-talba biex it-tabella tal-ħinijiet tal-iskola (ta' ħdejn il-każin tal-football) tiġi fuq *pole*, is-Sindku qal li għadha ma saritx.

**66/02/14** **Para 65/05/15:** Is-Sindku nforma li żewġ tabelli ġodda għal Triq il-Mitħna li ressaq is-Sur Christopher Fenech ġew ordnati.

**66/02/15** **Para 65/05/16:** Is-Sindku qal li sar kuntatt ma' uħud mill-kantanti għas-serata ta' Jum il-Għargħur. Is-Sur Mark Azzopardi ressaq li għal Jum il-Għargħur tiġi organizzata wkoll attività għal anzjani.

**66/03** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

**66/03/01** Is-Sindku rringrazzja lill-Ambaxxatriċi Victoire Muscat tas-sehem tagħha. Fil-ġimgħat li ġejjin se toħroġ sejħa għal Ambaxxatur/Ambaxxatriċi għall-Kunsill Lokali Vot 16.

**66/04** **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

**66/04/01** Ma kienx hemm.

**66/05** **Rapporti, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet**

**66/05/01** Ġiet innutata korrispondenza mill-*Planning Authority* (datata 27 ta' Marzu 2019). Kien hemm qbil unanimu li tintbagħat ittra ta' oġġezzjoni fuq il-permess PA/00572/19 [*Proposed development of existing penthouse to full floor apartment including construction and demolition of internal walls and sanctioning of changes to internal shaft wall from approved PA 1130/07, Rachel Zarb Cousin, Gardenia Court A12, Sqaq tal-Ħofra, Għargħur*] u fuq il-permess PA/02285/19 [*To sanction internal layout at second floor apartment, demolition of roof structures and to construction of penthouse at third floor, Frances Ciantar, St Francis Court, Triq San Ġwann, Għargħur*] minħabba li ma jirrispettawx l-limitazzjoni tal-għoli.

**66/05/02** Ġiet innutata korrispondenza mill-*Planning Authority* (datata 3 t' April 2019).

**66/05/03** Ġiet innutata korrispondenza mill-*Planning Authority* (datata 10 t' April 2019).

**66/05/04** Ġiet innutata korrispondenza mill-*Planning Authority* fuq PC 00050/18 (*PC application for zoning of site included in the rationalization scheme in Triq Tal-Balal & Triq in-Naxxar, Għargħur*). Kien hemm qbil unanimu li tintbagħat ittra ta' oġġezzjoni peress li din art pubblika u qed japplika l-privat.

**66/05/05** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mis-Sa. Marie-Jeanne Borg rigward iċ-Ċerimonja ta' ġurament / affermazzjoni tal-Kunsillieri li ser jiġu eletti fl-Elezzjonijiet Lokali tal-25 ta' Mejju 2019 li ser issir nhar it-Tlieta, 18 ta' Ġunju 2019 mill-5pm 'il quddiem.

**66/05/06** Il-Kunsill irċieva korrispondenza minn The Let's Do It Malta team rigward il-*World Cleanup Day* li ser issir fil-21 ta' Settembru 2019. Il-Kunsill qabel li jieħu sehem f'din l-inizjattiva.

**66/05/07** Ġiet innutata korrispondenza mill-*Planning Authority* (datata 17 t' April 2019). Fuq il-PA/03008/19 [*Dismantle store and garage, excavation of site and construct garage and five residential units. Joseph Falzon obo Mr Jamie Sammut, 71/73, Triq San Ġwann, Għargħur*]. Is-SE ħa tibgħat kopja tas-*site-plan* lil Kunsillieri.

**66/05/08** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mis-Sa. Mireille Portelli rigward Finanzjament ta' Proġetti Kapitali – Apparat għal Sistemi ta' Irrigazzjoni. Is-SE u s-Sur Christopher Fenech ħa jiltaqgħu biex jiddiskutu din l-applikazzjoni.

**66/05/09** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mis-Sa. Marie-Jeanne Borg – Ċirkulari Numru 4/2019 – Elezzjonijiet għall-Gvern Lokali (25 ta' Mejju 2019).

**66/05/10** Ġiet innutata korrispondenza mill-Land Authority fejn ġejna nfurmati li Astronomical Society of Malta (ASM) jixtiequ jiltaqgħu magħna biex niddiskutu fuq il-Lease Agreement Ref: Land751968/1 (Għargħur Searchlight Battery). Il-Kunsill aċċetta li jagħmel laqgħa magħhom.

**66/05/11** Ġiet innutata korrispondenza minn resident li joqgħod fi Triq il-Ġdida. Ir-resident qed jitlob li jsir *bollard* fil-parti dejqa ta' Triq il-Ġdida kemm biex ma jidħlux karozzi kif ukoll sabiex il-karozzi ma jipparkjawx mal-faċċata ta' dar tagħhom. Il-Kunsill ma laqax din it-talba.

**66/05/12** Ġiet innutata korrispondenza mill-*Planning Authority* (datata 24 t' April 2019).

**66/05/13** Ġiet innutata korrispondenza mill-*Planning Authority – Notification of Receipt of Fresh Plans* – PA/09550/18 [*Applicant: Matthew Sammut, Proposal: Changes to Summit Sheep Farm, Class 5A – (light industry), Għargħur, including construction of new basement to allow for a more acceptable layout for cheese production, farm inclusive of cheese-let production previously approved under PA2806/18, Location: Summit Sheep Farm , Lane off Triq Għaxqet l-Għajn*]. Il-Kunsillieri kollha minbarra s-Sur Christopher Fenech qablu li tintbagħat ittra ta' oġġezzjoni.

**66/05/14** Fuq it-talba għal *dog bin* ħdejn ir-*roundabout* ta' Triq San Ġwann. Kien hemm qbil unanimu.

**66/05/15** Fuq it-talba biex jitneħħew żewġ *parking spaces* fi Triq il-Wieħed u Tletin ta' Marzu (ħdejn it-*tower crane*). Il-Kunsill ma laqax din it-talba.

**66/05/16** Fuq l-ilment dwar is-sewqan fir-*roundabout* ta' Triq Stiefnu Zerafa / Triq in-Naxxar. Il-Kunsill ħa jinforma lil Pulizija.

**66/05/17** Fuq it-talba għal bankina quddiem ir-residenza 29 Sqaq il-Ħofra. Il-Kunsill ma laqax din it-talba imma qabel li jsir *double yellow line.*

**66/05/18** Fuq l-ilment dwar l-istat tal-bankina ta' quddiem ir-residenza 117 Triq Caravaggio. Kien hemm qbil li titranġa.

**66/05/19** Fuq it-talba għal djar żgħar għal qtates tat-triq madwar ir-raħal. Il-Kunsill ma laqax din it-talba.

**66/05/20** Fuq it-talba biex jitneħħa l-*parking* fil-parti d-dejqa ta' Triq l-Indipendenza. Il-Kunsill ma laqax din it-talba.

**66/05/21** Fuq it-talba għal *double yellow line* fi Triq Caravaggio k/m Triq Dimetriju Farrugia (man-naħa tal-lemin). Kien hemm qbil unanimu.

**66/05/22** Fuq l-ilment li s-saqaf ta' Torri ta' Semaforu qed iżomm l-ilma. Kien hemm qbil li nibagħtu l-ħaddiema tal-Kunsill fuq il-post.

**66/05/23** Fuq it-talba għal bozza ġdida fi Sqaq iċ-Ċawl. Kien hemm qbil unanimu.

**66/05/24** Fuq it-talba għal *sleeping police* fi Sqaq ix-Xgħajrat. Il-Kunsill ma laqax din it-talba.

**66/05/25** Fuq it-talba għal mera fi Triq il-Ġnien int u ġej mill-*bridge* ta' fejn il-*Madliena Village* direzzjoni Għargħur. Kien hemm qbil unanimu.

**66/05/26** Fuq it-talba biex fi Triq il-Wieħed u Tletin ta' Marzu jkun hemm *bus stop* mingħajr il-*bay*. Il-Kunsill ma laqax din it-talba għax il-karozza tal-linja trid bilfors tieqaf fil-*bay* biex in-nies ikunu jistgħu jitilgħu / jinżlu minnha.

**66/05/27** Is-Sur Mario Gauci ressaq li t-tabelli li saru bi żball minn Infrastructure Malta fi Triq l-Indipendenza jitneħħew. Kien hemm qbil unanimu.

**66/05/28** Is-Sur Mario Gauci qal li l-kennies ilu ma jiknes Triq Mons. L. Catania u s-Sur Mark Azzopardi qal li l-kennies ilu ma jiknes it-toroq ta' madwar il-pjazza tad-dejma. . Is-SE ħa tagħmel kuntatt miegħu.

**66/05/29** Is-Sur Mario Gauci spjega li l-kennies qata' l-ħaxix ta' Triq Għaxqet l-Għajn u ma ġabrux. Is-SE ħa tagħmel kuntatt miegħu sabiex dan jinġabar.

**66/05/30** Is-Sur Mario Gauci ressaq li ngħidu lis-sid tas-Su Casa Restaurant li jinsab fi Triq San Bartilmew biex ineħħi l-skip li poġġa fit-triq quddiem ir-restaurant. Is-SE ħa tagħmel kuntatt miegħu sabiex dan jitneħħa.

**66/06** **Aġġustamenti proposti mill-Udituri tal-Gvern għar-Rapport Annwali 2018**

**66/06/01** Is-SE qalet li sal-lum għadhom ma waslux.

**66/07** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati**

# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


**66/07/01** Ma kienx hemm.

**66/08** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

**66/08/01** Is-SE ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti pendenti / imħallsa li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill sad-data ta' meta kienet ġiet ippubblikata l-Agenda. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-pagamenti kollha.

**66/09** **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**66/09/01** Il-laqgħa spiċċat fis-7:15p.m. wara li l-*items* fuq l-*Agenda* ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra ssir nhar l-Erbgħa, 22 ta' Mejju 2019 fis-6:30pm.

*(firmati)* *(firmati)*

**Ġiljan Aquilina**
**Sindku**

**Maria Tanti**
**Segretarju Eżekuttiv**